FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna BA. LL.D.**

**Illum, 1 ta' Dicembru 2000**

**Rikors Nru: 19B98**

**Carmel sive Charles Bondin**

**vs**

**Carmel Demanuele**

Il-Bord,

Ra r-rikors in ezami li bih ir-rikorrenti wara li ppremetta illi huwa jikri lill-intimat ghalqa msejha "Ta' Slajt" jew "Ta' Slajda" fil-kontrada Taz-Zonqor fil-limiti ta' Marsascala tal-kejl superficjali ta' 3034 metri kwardi (cirka) bi qbiela ta' sitt liri (Lm6) fis-sena pagabbli kull sena b'lura fil-15 ta' Awissu;

Illi huwa jixtieq jirriprendi pussess tal-imsemmija ghalqa ghax ghandu bzonnha biex jahdimha hu;

Talab bir-rispett sabiex dan il-Bord joghgbu jawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-imsemmija ghalqa u dan ghar-raguni fuq imsemmija u ghal finijiet tal-Ligi jitlob li dan il-Bord jiffissa kwalunkwe kumpens li talvolta jistgha jkun dovut lill-intimat. Bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-intimat (a fol 4 tal-atti) li biha espona bir-rispett illi t-talba tar-rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex mhuwiex minnu li huwa ghandu bzonn ir-raba in kwistjoni biex jahdimha ghalih, fi kwalunkwe kaz ir-raba in kwistjoni jikkostitwixxi mezz importanti tal-ghajxien tal-intimat u tal-familja tieghu.

Ra d-digriet moghti fit-28 ta' Ottubru 1998 a fol 5 tal-istess atti.

Ra l-atti kollha tal-kawza inkluza r-relazzjoni tal-Periti Teknici ta' dan il-Bord (fol 14 u 15 tal-atti).

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti (a fol 22 u 25 ta' l-istess atti) xehed li, waqt li hu impjegat ma' Dipartiment tal-Gvern kien akkwista l-ghalqa in kwistjoni madwar tlett snin qabel sabiex jahdem u jmantni l-familja tieghu ossija martu u zewg uliedu minuri. In rigward l-intimat skond hu, dan kien jahdem ma' kuntrattur tal-bini u li jiddetjeni raba iehor ossija madwar 24 tomna ohra mahdumin mill-istess intimat. In sostenn ta' dan gie prodott Alfred Farrugia (fol 17 et seq ibid) li kkonferma li, fuq isem l-intimat kien hemm registrati sbatax (17) il-tomna siegh u erba (4) kejliet bhala raba (ara fol 20 ibid). L-istess raba hu detenut mill-intimat b'titolu ta' qbiela liema intimat hu "part time farmer".

In rigward id-dhul tieghu annwali, ir-rikorrenti specifika li mill-impjieg tieghu, ghandu qliegh ta' madwar Lm3,500 waqt li martu impjegata, bhala skrivana mal-Gvern, taqla' Lm2,400.

Ikkunsidra

Illi da parti tieghu, l-intimat (a fol 26 et seq ibid) waqt li stqarr li kien jahdem bhala "labourer/driver", ikkalkula li, inkluz "overtime" il-qliegh tieghu settimanali kien madwar Lm65/Lm70, oltre Lm200 fis-sena bhala imghax. Mill-art in kwistjoni li kien ilu jahdimha ghal madwar sittax il-sena, kien jaqla' madwar Lm100 fis-sena jew izjed jew jigi konsiderat it-territorju kollu u mhux biss dik appartenenti lir-rikorrenti. Fl-istess art li tinsab vicin il-bahar hu jizra' qamh kif ukoll xi silla. In rigward raba iehor, hu stqarr li kellu, b'titolu ta' qbiela kollu kemm hu, madwar ghoxrin (20) tomna soggetti pero' ghal kawza.

Ikkunsidra

Illi mir-rapport tal-periti teknici gja msemmi jidher li fl-istess art ma kinux saru benefikati agrikoli matul l-ahhar erba' snin.

Ikkunsidra

Illi, mill-premess, jidher li t-talba in ezami li saret a bazi tal-artikolu 4(2) (b) tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tigi milqugha stante li l-kerrej ma ppruvax li l-istess art hi fonti mportanti ghall-ghajxien tieghu u tal-familja tieghu. Certament mill-provi kif esposti ma jidhirx li il-kerrej ser ibati aktar minn sid il-kera jekk l-istess rikors jigi milqugh. Difatti il-kerrej ghandu raba iehor disponibbli oltre li hu impjegat, kif inghad hawn fuq.

Ikkunsidra

Illi, kif di gja inghad, ma sar ebda benefikat agrikoli fl-istess art u wara li rat l-artikolu 4(4) tal-istess Ligi, l-kerrej ma hux intitolat ghal xi kumpens.

Ghal dawn il-motivi il-Bord jilqa' t-talba kif dedotta mill-istess rikors u jawtorizza lir-rikorrenti li jirriprendi l-pussess tal-ghalqa imsejha "Ta' Slajt" jew "Ta' Slajda" fil-kontrada taz-Zonqor fil-limiti ta' Marsascala tal-kejl superficjali ta' madwar 3034 metri kwadri u dan sal-15 ta' Awissu 2001 u minghajr ebda kumpens dovut lill-intimat.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

Alan Calleja
Dep.Reg.